

Brussell, 27 ta' April 2026
(OR. en)

8625/26

AGRI 318
AGRIFIN 88
AGRIORG 63
DELECT 81

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	27 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2690 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'27.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tan-notifiki tal-Istati Membri dwar il-prezzijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex fis-suq intern

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2690 final.

Mehmuż: C(2026) 2690 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2026
C(2026) 2690 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.4.2026

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tan-notifiki tal-Istati
Membri dwar il-prezzijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex fis-suq intern**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta ċerti atti delegati u ta' implimentazzjoni għall-finijiet tal-analiżi u l-ġestjoni tas-suq tal-prodotti agrikoli u għall-iżgurar tat-trasparenza tas-suq.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/891² jistabbilixxi fost l-oħrajn l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-prezzijiet tal-produtturi ta' ċertu frott u ħxejjex.

L-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 jistabbilixxi l-prodotti, il-varjetajiet, id-daqsijiet, il-preżentazzjonijiet u s-swieq rappreżentattivi fir-rigward tan-notifika dwar il-prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 55(1) ta' dak ir-Regolament. It-tewm mhux inkluż f'dan l-Anness.

Ir-Regolament (UE) 2026/687³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jimplementa l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli, jistipula li l-Kummissjoni trid timmonitorja l-iżviluppi fil-prezzijiet għall-prodotti sensitivi elenkati fl-Anness tiegħu. It-tewm hu identifikat bħala prodott sensitiv. B'konsegwenza ta' dan, l-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 irid jiġi emendat kif xieraq.

L-adozzjoni ta' dan l-att delegat ma tinvolvi implikazzjonijiet finanzjarji.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Twettqu diskussjonijiet fil-Grupp ta' esperti għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, sottogrupp tal-prodotti ortikulturali, li kienu jinvolvu esperti mis-27 Stat Membri kollha. L-abbozz tal-att delegat ġie ppreżentat mill-Kummissjoni u diskuss mill-esperti fil-laqgħa li saret fit-30 ta' Marzu 2026. L-esperti tal-Parlament Ewropew jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi f'dawn il-laqgħat.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 223 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

L-att delegat jemenda l-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 billi jaġġorna l-lista tal-prodotti li għalihom il-prezzijiet iridu jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/891/oj).

³ Ir-Regolament (UE) 2026/687 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li jimplementa l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli (ĠU L, 2026/687, 19.3.2026), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/687/oj>

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tan-notifiki tal-Istati Membri dwar il-prezzijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex fis-suq intern

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2026/687 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplementa l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli se jiġi applikat mill-1 ta' Mejju 2026. L-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja xi prodotti sensitivi fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, il-produzzjoni u l-iżviluppi fil-prezzijiet.
- (2) L-Anness tar-Regolament (UE) 2026/687 jelenka t-tewm fost il-prodotti sensitivi. Sabiex timmonitorja l-iżviluppi fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni teħtieġ disponibbiltà regolari tal-prezzijiet irreġistrati għat-tewm.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-prezzijiet tal-produtturi rreġistrati fis-suq intern għall-frott u l-ħxejjex elenkati fl-Anness VI, li ma jinkludux it-tewm.
- (4) Għalhekk, biex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fir-Regolament (UE) 2026/687, it-tewm jenħtieġ li jiżdied fl-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891.
- (5) Meta jitqies li l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli se jiġu applikati mill-1 ta' Mejju 2026, dan ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 huwa emendat kif ġejj:

Fl-Anness VI, ir-ringiela li ġejja tiżdied fi tmiem it-tabella:

“Tewm	Il-varjetajiet kollha	Pakketti bid-daqs ta’ 45-60 mm, ta’ madwar 2-5 kg	Spanja Franza L-Italja Ir-Rumanija Il-Portugall Il-Polonja”
-------	-----------------------	---	--

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.4.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN